MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1718/2003

**Doris Axisa**

**Vs**

**Gordon Borda**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mija w erbgha u tmenin lira Maltin u tmien centezmi (Lm384.08c) rapprezentanti d-danni subiti f'kollizjoni li sehhet fis-7 ta' Lulju 2002 f'Burmarrad Road, il-Mosta ghall-habta ta' 6.45 meta l-konvenut li kien qed isuq il-vettura FBY 683 habat mal-vettura AAO 284 proprjeta' tal-attrici li kienet qed tigi misjuqa minn bintha Davinia Anne Axisa.

Ra li l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax Risposta in kontestazzjoni tat-talba.
Ra d-dokumenti esebiti u sema' x-xhieda ta' Doris Axisa u ta' Davinia Anne Axisa.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Davinia Anne Axisa, akkompanjatha minn ommha, kienet qieghda ssuq il-vettura AAO 284 li hija proprjeta' tal-attrici fi Triq Burmarrad, il-Mosta. Hija kienet qabzet ir-roundabout li hemm fit-tarf tal-Mosta u kienet ser tibda t-triq lejn Burmarrad u riedet tikser lejn il-lemin. Hija xeghlet l-indicator u bdiet iddur lejn il-lemin u f'daqqa wahda giet karozza tal-linja minn warajha, cjoe l-vettura misjuqa mill-konvenut u laqtitha fuq ix-xewka ta' wara tal-karozza taghha. B'rizultat tal-impatt il-vettura misjuqa minn Axisa daret konsiderevolment kif jirrizulta anke mill-isketch esebit. Din il-verzjoni tirrizulta kemm mix-xhieda tal-attrici u bintha kif ukoll mir-Road Accident Report.

Fir-Road Accident Report hemm imnizzla l-verzjoni tal-konvenut ossija dak li presumibilment il-konvenut qal lis-surgent. Donnu l-konvenut qal lis-surgent li l-vettura misjuqa minn Axisa daret quddiemu u li kien ipprova jevitaha. L-Pulizija ma xehedx u lanqas ma xehed il-konvenut u ghalhekk din il-verzjoni ma giex debitament pruvata.

Fir-rigward ta' manuvra ta' *overtaking* huwa stabbilit billi meta wiehed jaghmel tali manuvra, qabel ma jintentaha ghandu jaccerta ruhu li jista' jaghmilha minghajr periklu. Kif ighid l-Artikolu 71 tal-Highway Code:

"Never overtake unless you are SURE that you can do so without danger to yourself or to others."

Interessanti dak l-intqal fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Gasan Insurance Agency Limited nomine et Vs Jacqueline Galea et tal-21 ta' Gunju 2002 (Citazz 171/96) li kkwotat b'approvazzjoni lil Charlesworth fit-test The Law of Negligence pages 78 – 79 second edition:

"The driver of the overtaking vehicle, before attempting to overtake, should see that it is safe to do so ………… a

driver should not overtake at a corner or bend ………… or at crossroads. In all cases, it is the duty of the person overtaking to overtake only when he can do so without causing danger to other traffic.”

Illi inoltre, huwa principju iehor stabbilit illi f’materja simili, l-piz tal-prova ta’ negligenza taqa’ fuq is-sewwieq tal-*overtaking vehicle* kif risaput bil-kawza Borg Vs Ciantar deciza fid-9 ta’ Novembru 1968.

Fid-dawl tal-premess it-Tribunal jidhirlu illi t-tort u r-responsabbilta’ tal-incident hija unikament dik tal-konvenut li evidentement intenta manuvra ta’ overtaking minghajr ma kien cert li jista’ jespleta tali manuvra minghajr hsara jew dannu lil traffiku iehor. Fil-fatt mill-isketch jirrizulta li x-xarabank in kwistjoni kienet qieghda tinstaq *on the crown of the road* u f’sitwazzjonijiet simili meta vettura ser tikser lejn il-lemin huwa konsiljat li l-vetturi li gejjin minn wara jzommu fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Il-konvenut ma gab l-ebda prova li b’xi mod jista’ jwassal ghal xi htija imputabbli ghal Axisa.

Ghaldaqstant it-Tribunal m’ghandu ebda ezitazzjoni biex jikkonkludi li r-responsabbilta’ tal-incident hija unikament dik tal-konvenut.

Fir-rigward tal-*quantum* tad-danni mitluba dawn jirrizultaw sostanzjali kemm mix-xhieda ta’ Dorisa Axisa kif ukoll mid-dokumenti esebiti u ghalhekk it-talba kif dedotta ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tal-attrici u jsib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta’ tlett mija w erbgha u tmenin lira Maltin u tmien centezmi (Lm384.08c) bl-imghax mit-28 ta’ Jannar 2004 (data tan-notifika tal-konvenut). L-ispejjez jithallsu unikament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------